6 ta' April, 1948.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Maestà Tiegħu r-Re**

*versus*

**Vincent Caccìottolo**

**Perizja — Spejjeż — Art. 527 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid illi meta l-kawża ssir mill-Pulizija "ex officio", u jekk il-prosekutur jagħmel talba għal hekk, il-Qorti għandha, meta tagħti s-sentenza, jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati għall-ħlas lir-Reġistratur ta' l-ispejjeż, kollha jew parti minnhom, li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hija applikabili anki għall-Qorti Kriminali tal-Maestà Tiegħu r-Re.*

*Il-miżura tal-kundanna fit-totalità jew f'parti, tiddependi mid-diskrezzjoni ta' l-Imħallef li jkun ippresjeda l-ġudizzju fil-meritu:*

*imma ċertament, fl-eżerċizzju ta' dina d-diskrezzjoni, il-Qorti għandha tkun gwidata minn ċerti kriterji, bħalma huma:— (a) is-sorta u ċ-ċirkustanzi kollha tad-delitt; (b) jekk l-ispejjeż tal-perizja jkunux ta' sorta tali li kienu dejjem issiru, anki appartí l-proċess kontra l-akkużat, jew jekk jikkonnettux ruħhom anki mar-responsabilità ta' l-akkużat partikulari u ta' x'ħin għandu jirrispondi; (c) jekk il-prova peritali kienetx assolutament neċessarja, jew setgħetx ma ssirx, jew issir aktar ekonomikament, kwante volte kien hemm xi estensjoni mhux tant ġustifikata ta' l-inkariku.*

Il-Qorti, — Rat l-att ta' l-akkuża nru. 8544;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni, kontenuta fl-att ta' l-akkuża, għall-kundanna ta' l-akkużat għall-ispejjeż tal-ħatra ta' esperti fil-proċeduri, skond l-art. 527 Kap. 12;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi d-dispożizzjoni fuq imsemmija tgħid illi meta l-kawża ssir mill-Pulizija "ex officio", u jekk il-Prosekutur jagħmel talba għal hekk, il-Qorti għandha, meta tagħti s-sentenza, jew f'kull ordni ieħor warra, tikkundanna l-ħati għall-ħlas lir-Reġistratur ta' l-ispejjeż kollha jew parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri. Dina d-dispożizzjoni hija anki applikabbli għal dina l-Qorti, peress li qiegħda fit-Titolu tad-Dispożizzjonijiet Komuni għall-Qrati Kriminali kollha;

Ikkunsidrat;

Illi peress li t-test tal-liġi huwa ċar, u jirriferixxi għall-ispejjeż li jkunu saru fil-każ ta' esperti jew periti li jkunu ġew nominati fl-istess proċeduri, id-difiża għalhekk ma tistax tikkontesta "in principio" d-dritt tal-Prosekuzzjoni li titlob il-kundanna għal dawk l-ispejjeż; però l-miżura tal-kundanna, fit-totalità jew f'parti, tiddependi mid-diskrezzjoni ta' l-Imħallef li jkun ippresjeda l-ġudizzju fil-meritu;

Għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni tad-difiża, salv l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni fuq imsemmija.